MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Mandat Numru. 1466/2014/1

**Sandro Pace Bonello**

**(I.D. 393169 M)**

**vs**

**Gaba Gioielli Limited (C – 30112)**

**Lee Satariano (I.D. 233474 M)**

**Wayne Satariano (I.D. 38571 M)**

**Susan Satariano (I.D. 43987 M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat l-24 ta' Settembru, 2014;

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat l-24 ta' Settembru, 2014;

3. Rat ir-risposta ta' l-intimati datat d-29 ta' Settembru, 2014;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in kawtela tal-kreditu vantat mir-rikorrenti permezz tal-fuq riferit rikors guramentat, ir-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

6.1. Illi d-diretturi u azzjonisti intimati jinzammu milli japprovaw u jirregistraw mar-Registratur tal-Kumpaniji z-zewg risoluzzjonijiet proposti fl-agenda tal-laqgha generali straordinarja tas-socjeta` *de quo* datata l-4 ta' Settembru, 2014, (ara foll 5);

6.2. Illi l-istess protagonisti indikati fil-paragrafu precedenti jinzammu milli japprovaw u jirregistraw bl-istess mod fuq ukoll indikat, ir-raba` (4) proposta fl-agenda tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta` datata d-9 ta' Settembru, 2014, (ara foll 5);

6.3. Illi jinzammu wkoll milli jawtorizzaw u/jew jirregistraw zieda fuq l-*“authorised and issued share capital”* tal-istess socjeta`;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi fir-risposta taghhom fuq riferita, l-intimati sintetikament esponew is-segwenti:

7.1. Illi s-socjeta` *de quo* ghandha bzonn zieda mmedjata fil-kapital biex teghleb problemi finanzjarji serji;

7.2. Illi r-rikorrenti jsostni li m’ghandux il-flus biex jikkontribwixxi sehemu u allura qed jittenta jzomm lill-intimati milli jikkontribwixxu minn flokhu;

7.3. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez, *stante*:

7.3.1. Il-meritu tal-mandat gia` gie ezawrit;

7.3.2. Illi m’hemm l-ebda dritt *prima facie* favur ir-rikorrenti;

7.3.3. Illi mhux il-kaz li r-rikorrenti ser jigi irrimedjabilment pregudikat;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi minn ezami skont il-ligi tal-fatti kif esposti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi l-laqghat fuq riferiti datati l-4 u d-9 ta’ Settembru, 2014, gia` sehhew qabel ma giet inoltrata l-procedura odjerna;

8.2. Illi d-decizjonijiet hemm konkretizzati issa ghandhom *ex lege* jigu registrati mar-Registratur tal-Kumpaniji fi zmien stipulat;

8.3. Illi kwalunkwe dannu rikjamat mir-rikorrenti jirrizulta naxxenti mill-fatt li hu hu stess li qed jonqos li jagixxi skont il-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` in dizamina li jistipula u jirregola kif ghandhom u meta ghandhom jinhargu u jithallsu l-ishma;

8.4. Illi hu l-istess rikorrenti li jirrizulta li mhux jottempora ruhhu ma’ l-istess regolamenti, u mhux l-intimati;

8.5. Illi ghalhekk mhux tollerabbli li meta wiehed ippoggi ruhhu fi stat ta’ illegalita`, sussegwentement isejjah addirittura l-ghajnuna tal-apparat gudizzjarju biex jipprotegieh f’dan;

8.6. Illi ghalhekk l-origini tas-sitwazzjoni mwehra tar-rikorrenti ma tirrizultax *prima facie* li kienet ikkagunata mill-intimati izda tirrizulta *prima facie* ikkagunata mill-istess rikorrenti;

**DECIDE:**

9.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti ma' tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

9.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

9.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

9.3. Tvarja *contrario imperio* d-digriet preliminari precedenti taghha datat l-24 ta' Settembru, 2014, billi issa tirrespingi l-istess rikors promotur *in toto*;

9.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------